41998D0035

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT EŻEKUTTIV
tas-16 ta' Settembru 1998
dwar it-tressiq tal-Manwal Komuni lill-Istati applikanti għall-UE

(SCH/Kum-eż (98)35 rev. 2)

IL-KUMITAT EŻEKUTTIV,

Wara li kkunsidra l-Artikolu 132 tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen,

Billi l-*acquis* ta' Schengen irid ikun integrat fil-qafas ta' l-Unjoni Ewropea skond il-Protokoll relevanti għat-Trattat ta' Amsterdam;

Billi skond l-Artikolu 8 tal-Protokoll imsemmi, l-*acquis* ta' Schengen irid ikun aċċettat fl-intier tiegħu mill-Istati applikanti kollha u billi dan ta' l-aħħar irid ikun ippreparat kif jixraq għal dak l-għan;

Billi l-Manwal Komuni fuq Kontroll fil-Fruntieri Esterni, b'mod partikolari, huwa komponent importanti ta' l-*acquis* ta' Schengen u l-Istati li magħhom qed isiru negozjati speċifiċi ta' adeżjoni jridu jkunu informati b'dan issa biex huma jkunu jistgħu jippreparaw biex jaċċettaw l-*acquis*;

Billi, għal dak l-għan, il-Manwal Komuni fuq Kontroll fil-Fruntieri Esterni, bl-eċċezzjoni ta' ċerti annessi, u dokumenti oħra jridu jkunu mressqa lill-Istati, minkejja l-fatt li huma dokumenti kunfidenzali;

Billi t-tressiq ta' deċiżjonijiet pubbliċi u dikjarazzjonijiet tal-Kumitat Eżekuttiv jista' jkun neċessarju,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

1. Il-Presidenza fil-kariga tista' tressaq il-Manwal Komuni fuq Kontroll fil-Fruntieri Esterni, mingħajr l-Annessi 6b, 6ċ u 14b, lill-Istati applikanti li magħhom qed isiru negozjati speċifiċi dwar l-adeżjoni tagħhom fl-Unjoni Ewropea.

2. Il-Grupp Ċentrali għandu s-setgħa biex jiddeċiedi każ b'każ fuq it-tressiq ta' dokumenti oħra kunfidenzali lil dawk l-Istati.

3. Fuq it-tressiq kif imsemmi f'punt 1 u 2, irid jiġi rrimarkat li dan id-dokument huwa kunfidenzali. L-Istat li jirċievi l-Manwal Komuni fuq Kontroll fil-Fruntieri Esterni jew kull dokument ieħor kunfidenzali jrid jintrabat biex jitratta dak id-dokument bħala kunfidenzali.

4. Barra minn hekk, il-Presidenza fil-kariga tista' tressaq deċiżjonijiet tal-pubbliku u dikjarazzjonijiet tal-Kumitat Eżekuttiv u dokumenti mhux-kunfidenzali oħra lil Stati u servizzi oħra għal użu intern fejn ikun ippruvat li hemm interess ġenwin.

Königswinter, fis-16 ta' Settembru 1998.

Il-President

M. KANTHER